**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 10/2019**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**(Spettur Shawn Pawney)**

**-Vs-**

***-Omissis-***
**RASHA AHMED GADO**

**Illum, 16 ta' Diċembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' ***Omissis*** u **RASHA AHMED GADO** ta' 19-il sena bint Ahmed Mohammed Taha Gado u Maria Rita nee' Gauci, imwielda l-Pieta' nhar l-ewwel ta' Lulju 1999 u li toqgħod 4, parkside, Blokka B1, Flat 3, Triq il- Porzjunkula, San Pawl il-Baħar, detentriċi tal-karta ta' l-identita' numru. 213399M, u Omissis ta' 34 sena, bint Alfred Zammit u Consolata nee' Saywell, imwielda l-Pieta' nhar it-tieni ta' Awissu 1984 u li toqgħod 6, Royal Lodge, Block B, Flat 4, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, detentriċi tal-karta ta' l-identita' numru. 390684M.

Akkużati talli flimkien, nhar il-ħamsa ta' Jannar 2019 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija u/jew ħinijiet oħra, ġewwa San Pawl Hotel, Triq il-Kaħli, San Pawl il-Baħar, u/jew postijiet oħra f'dawn il-gżejjer :

1. Ikkommettew serq ta' ġojjellerija u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifika, bil-mezz, bil-lok, bil-ħin, u bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37ċ), u liema serq sar għad-dannu ta' Isabelle Marte-Paul Fischer Muller, Valerie Marie-France Muller, Delphine Marion Laure Calleetee, Marie-Lourdes Stlvie Nadal Ep Calleetee u Jean-Caluse Calleetee u/jew xi persuni oħra.

2. Ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi u anki bejn nhar id-dsatax ta ' Diċembru 2018 għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' bil-lejl u nhar il-ħamsa ta' Jannar għall-ħabta tas-seba ta' filgħaxija, laqgħa għandhom ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħlu biex ibiegħħuhom jew imexxuhom.

Akkużata **Rasha Ahmed Gado** weħidha talli:-

1. Bejn il-ħdax ta' bil-lejl ta' nhar id-dsatax ta' Diċembru u il-ħdax u nofs ta' bil-lejl tal-għoxrin ta' Diċembru 2018 u/jew xi ħinijiet oħra, minn ġewwa il-fond numru 14, "Flamingo", Triq l-Alka, San Pawl il-Baħar, u/jew postijiet oħra f'dawn il-gżejjer, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifika, bil-lok, bil-persuna, bil-ħin, u bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37ċ), u liema serq sar għad-dannu ta' Paola Bonniċi li hija persona anzjana, u/jew xi persuni oħra.

2. Ukoll talli b'hekk kisret kundizzjonijiet ta' ordni għal liberazzjoni ikkundizzjonata waqt il-perjodu effettiv ta' din l-ordni, akkordati lilha nhar it-tlettax ta' Frar mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), hekk kif preseduta mil-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli L.L.D, u nhar l-erba' ta' Ottubru 2018, mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), hekk kif preseduta mil-Maġistrat Dr. Charmaine Galea L.L.D.

3. Ukoll talli b'hekk irrendiet ruħha reċediva.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2019, *Omissis* ammettiet għall-akkużi miġjuba fil-konfront tagħha u ġiet ordnata s-separazzjoni tal-ġudizzju;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni fil-21 ta' Jannar 2019, tirtira l-ħames akkuza fil-konfront tal-imputata odjerna, cioe` l-akkuza illi l-imputata rrendiet ruhha recidiva ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputata tirreġistra ammissjoni għall-akkużi l-oħra kollha miġjuba fil-konfront tagħha fl-istess seduta tal-21 ta' Jannar 2019 u semgħetha wkoll tirriafferma din id-dikjarazzjoni ta' ħtija anke wara li wissietha solennement dwar il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni ta' ħtija u wara li tatha żmien biex tirrikunsidra din l-ammissjoni;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija sabiex tingħata s-sentenza għal nhar l-24 ta' Jannar 2019;

Semgħet lill-imputat fl-istess seduta tal-24 ta' Jannar 2019 tirtira in toto l-ammissjoni u d-dikjarazzjoni ta' ħtija li kienet irreġistrat fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2019 u semgħetha wkoll tiddikjara li mhux ħatja;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Settembru 2020, ippreżentata għall-fini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputata sabiex tiġi

aġġudikata minn din il-Qorti u indika s-segwenti Artikoli tal-liġi li dwarhom tista' tinstab ħtija:-

1. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 261(b)(ċ)(d)(e)(f), 263(a)(b) u 264(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 267, 268(a)(ċ), 269(ġ), 270 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 278(1)(3), 279(b), 280(1) u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 533, 575 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 49,50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputata tiddikjara fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2020 li m'għandhiex oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u jiġi deċiż minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda ;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u semgħet it-trattazzjoni orali tad-difiza fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2021;

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom ir-rapporti tal-Uffiċjal tal-Probation maħtur fil-31 ta' Jannar 2019 sabiex jissorvelja lill-imputata taħt Ordni Provviżorju ta' Superviżjoni;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Serq ta' Ġojjellerija għad-dannu ta' Paola Bonnici**

Peress li dan huwa r-reat l-iktar gravi, il-Qorti sejra tibda tittratta r-reat ta' serq aggravat ta' gojjellerija u/jew hwejjeg ohra mill-fond Flamingo, Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar u/jew postijiet ohra bejn id-19 ta' Dicembru 2018 l-20 ta' Dicembru 2018 għad-dannu ta' Paola Bonnici li hija persuna anzjana, kif addebitat lill-imputata fit-tielet akkuza.

L-istess Paola Bonnici xehdet[1] illi hija għamlet rapport lill-Pulizija fid-29 ta' Diċembru 2018 għaliex ċertu Rasha, li hija għarfet bħala l-imputata, kienet serqitilha d-deheb kollu tagħha minn ġor-residenza tagħha ġewwa Flamingo, Triq l-Alka, San Pawl il-Baħar, u ddeskriviet diversi oġġetti tal-ġojjellerija li sabet neqsin, fosthom giżirajjen, ċrieket u ċpiepet. Hi spjegat li kienet iżżomm id-deheb fis-*sitting room* ġewwa r-residenza tagħha għaliex hi dejjem tkun f'dik il-kamra u għalhekk kien ikun taħt għajnejha meta kienu jiġu jnaddfulha. Ix-xhud spjegat illi meta kienet applikat mal-gvern kienu bagħtulha lill-imputata biex tnaddfilha d-dar darba fil-ġimgħa iżda wara, bdiet tqabbadha wkoll privatament biex tagħmillha l-qadi kif ukoll biex iżżommilha kumpannija u dan bi ħlas. Qalet li bdiet tissuspetta li ġiet misruqa għaliex meta ċemplet lill-imputata biex tara meta kienet ser terġa' tiġi biex tnaddfilha, ma weġbithiex u meta kienu miftiehmin li toħroġha fil-jum tal-Milied, baqgħet ma tfaċċatx. Hi xehdet dwar episodju li ġara fid-19 ta' Diċembru 2018 fejn hi u l-imputata ħarġu jieklu flimkien: l-imputata ġiet għandha d-dar u peress li kellha tibqa' tistenniha sakemm tinħasel u tilbes, ħadet il-kaxxa tad-deheb magħha fil-kamra tas-sodda sakemm ħarġu. Ix-xhud qalet li kif ġew biex joħorġu, talbet lill-imputata biex iddawritilha ċ-ċavetta tal-bieb ta' barra u meta reġgħu daħlu d-dar iktar tard, l-imputata daħħlitilha l-walker, qaltilha li mhux ser iddum u mbagħad telqet.

Għalkemm kienu miftiehmin li l-imputata tmur tnaddaf għandha s-Sibt ta' wara u li toħroġha f'jum il-Milied, l-imputata baqgħet ma tfaċċatx u għalkemm ix-xhud ippruvat tagħmel kuntatt magħha, l-imputata ma kellmithiex lura. Kien is-Sibt ta' wara, ċioe' d-19 ta' Diċembru 2018 li indunat li d-deheb kien insteraq u dan meta

[1] Seduta tal-31 ta' Jannar 2019, xhieda permezz ta' link bil-vidjo-konferenza.

marret iġġib id-deheb biex tpoġġih fil-*wall unit* u ma sabet xejn lanqas il-kaxxa tad-deheb innifsiha. Ix-xhud affermat illi bejn id-19 ta' Diċembru 2018 meta l-imputata kienet marret għandha, u s-Sibt ta' wara meta ntebħet bis-serqa, ħadd iktar ma kien daħal f'darha u l-imputata kienet l-aħħar persuna li daħlet għandha. Ċaħdet li kienet tat iċ-ċavetta tad-dar tagħha lill-imputata.

Paola Bonnici għarfet l-oġġetti tad-deheb u ġojjellerija kollha li ġew elevati mill-pussess tal-imputata (Dok. GS5 sa Dok. GS30), ħlief għal xi imsielet, arloġġi, ċurkett, żewġ brazuletti u ġiżirana li ġew immarkati bħala Dok. GS31 sa Dok. GS41 u għarfet ukoll il-kaxxa tad-ditta "Honey" li kienet iżżomm id-deheb fiha. Fix-xhieda tagħha ikknfermat ukoll li kellha sett tad-deheb bil-ħaġar prezzjużi u djamanti li jiswa Lm1,500, li baqa' ma nstabx[2] filwaqt li uħud mill-oġġetti tal-ġojjellerija li hija għarfet bħala tagħha, kienu imkissrin u oħrajn kellhom xi ħaġar jew partijiet minnhom neqsin.

L-Ispettur Godwin Scerri xehed[3] illi waqt li kienu arrestati l-imputata u Maria Pia Zammit, huma kienu għaddewlu d-deheb li kien instab fil-pussess tagħhom, fosthom id-deheb li kien insteraq minn żewġ kmamar fil-lukanda San Pawl Hotel, liema oġġetti ġew fotografati mill-esperti maħturin fl-Inkjesta Maġisterjali. Xehed ukoll li wara li l-oġġetti appartenenti lill-klijenti tal-lukanda ġew ritornati lilhom, huwa ssuspetta li d-deheb li fadal seta' kien id-deheb antik li Paola Bonnici kienet irrapportat lill-Pulizija bħala misruq ftit tal-ġranet qabel. Huwa għalhekk ħa ħsieb jiffotografa huwa stess din il-ġojjellerija kif ukoll il-kaxxa li kienet tinżamm fiha, biex jista' juri r-ritratti relattivi[4] lil Paola Bonnici. Ikkonferma illi min-naħa tagħha, l-istess Paola Bonnici għarfet dawn l-oġġetti li jidhru fir-ritratti bħala l-ġojjellerija li nsterqet mingħandha ftit taż-żmien qabel.

L-Ispettur Shaun Pawney ikkonferma fix-xhieda tiegħu[5] li d-deheb ta' Paola Bonnici instab fil-pussess ta' Maria Pia Zammit, speċifikatament fil-baskett tat-tifla tagħha

[2] Dok. GS44.
[3] Xhieda tal-21 ta' Jannar 2020.
[4] Esebiti mill-Ispettur Godwin Scerri fix-xhieda tiegħu tal-21 ta' Jannar 2020, Dok. GS48.
[5] Xhieda tal-31 ta' Jannar 2019.

ġewwa l-lukanda San Pawl Hotel fejn hija kienet qattgħet ftit ġranet wara li ħarġet mill-ħabs u l-imputata kienet tmur sa ħdejha. Dan il-fatt hu konfermat minn Maria Pia Zammit nnifisha fix-xhieda tagħha kif ukoll minn Carol Burgess, il-manager tal-lukanda dak iż-żmien, li xehed li huwa għaraf lill-imputata odjerna bħala l-persuna li huwa ra fil-kamra tal-persuna l-oħra li kienet qed tikri kamra fil-lukanda. Xehed li raha wkoll fil-filmat tas-*security cameras* tal-lukanda, liema filmati huwa għaddihom lill-Pulizija.

Tajjeb li hawnhekk jiġi osservat li l-istess Maria Pia Zammit ġiet imressqa quddiem il-Qorti flimkien mal-imputata odjerna u kienet ammettiet għall-akkużi miġjuba fil-konfront tagħha inkluż l-akkuża ta' riċettazzjoni tal-oġġetti misruqin mingħand Paola Bonnici fid-19 ta' Diċembru 2019 jew fil-ġranet sussegwenti. Dan jirriżulta mill-atti[6]. Infatti, meta xehdet quddiem il-Qorti fid-9 ta' Lulju 2019, Maria Pia Zammit iddikjarat li kienet ġiet debitament processata ghar-rwol taghha fiz-zewg reati. Billi għalhekk f'dak l-istadju hija ma kienetx għadha ko-akkużata bir-reat addebitat fl-ewwel akkuza fiċ-Ċitazzjoni, il-Qorti tqis li x-xhieda tagħha tiswa u hija ammissibbli bħala prova f'dawn il-proċeduri kontra l-imputata odjerna u sejra tingħata d-debitu valur probatorju skont il-każ.

Maria Pia Zammit xehdet[7] illi l-oġġetti tad-deheb u ġojjellerija li nstabu mill-Pulizija fil-baskett tat-tifla tagħha, kienu għand Rasha ġo borża tal-plastik u kienet Rasha stess li tathom lit-tifla tagħha biex tilgħab bihom. Dawn l-oġġetti jinsabu elenkati fost oġġetti oħrajn fir-riċevuta Dok. KS1[8]. Qalet iżda, li ma tafx minn fejn Rasha kienet ġabet dawn l-oġġetti jew jekk dan id-deheb tahulha xi ħadd, iżda għaliha ma kien jiswa xejn.

Ikkunsidrat;

---

[6] Fol. 197 u 198, xhieda ta' Maria Pia Zammit tad-9 ta' Lulju 2019. Ara wkoll verbal tas-seduta tas-7 ta' Jannar 2019.

[7] Xhieda tad-9 ta' Lulju 2019.

[8] Fol. 254, 255.

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fil-persuna akkużata b'reat kriminali, f'dan il-każ ir-reat ta' serq, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* bejn l-imputat u dak ir-reat: ness li jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dak ir-reat. Ċertezza li għandha tkun radikata fi stħarriġ sħiħ u diliġenti tal-evidenza u l-provi ammissibbli, ordinarji u esperti, diretti u indiretti jew indizzjarji li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk. Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tigi instawrata f'moħħ il-gudikant, iċ-ċertezza assoluta dwar il-ħtija, għaliex huwa rari li jigi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali li Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux gew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex persuna akkużata tista' tinstab ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis li l-provi indizzjarji kollha dwar is-serq tal-ġojjellerija ta' Paola Bonnici, jippuntaw b'mod univoku lejn l-imputata u lejn ħadd iktar.

Il-Qorti tibda biex tosserva li kienet l-imputata li fiż-żmien indikat minn Paola Bonnici bħala ż-żmien meta setgħet twettqet is-serqa, kienet il-*carer* tagħha u kienet ukoll skont l-istess derubata, l-unika persuna li kienet tidħol f'darha. Jirriżulta wkoll li l-imputata kienet effettivament aċċediet fir-residenza tad-derubata fil-ġurnata li skont Paola Bonnici kienet l-aħħar darba li rat il-kaxxa bil-ġojjellerija tagħha u din kienet effettivament l-aħħar darba li l-imputata marret fir-residenza tagħha. Dan qed jingħad għaliex mix-xhieda jirriżulta li wara d-19 ta' Diċembru 2019, għalkemm kienu miftiehmin li l-imputata tmur tnaddfilha s-Sibt ta' wara u wkoll toħroġha f'Jum il-Milied, l-imputata baqgħet ma tfaċċatx iktar u qatgħet kull kuntatt mad-derubata.

Fuq kollox iżda, ir-*res furtiva* nstab fil-lukanda San Pawl Hotel fil-pussess tat-tifla ta' Maira Pia Zammit li magħha ġie ppruvat li l-imputata kienet qed tokkupa l-kamra bin-numru 203 fl-imsemmija lukanda. Mix-xhieda mhux kontradetta tal-imsemmija Maria Pia Zammit, jirriżulta li dawn l-oġġetti tal-ġojjellerija kienet tathomlha l-imputata iżda ma kienetx taf minn fejn ġabithom.

Għall-Qorti dawn l-indizzji, komplessivament u magħdud l-aġir evażiv tal-imputata in segwitu għall-eventi tad-19 ta' Diċembru 2019, huma indizzji univoċi u konkordanti li fl-assjem tagħhom ma jħallu f'moħħha l-ebda dubju dettat mir-raġuni li kienet l-imputata u ħadd iktar li serqet l-oġġetti mir-residenza ta' Paola Bonnici.

Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** deċiż nhar it-8 ta' Mejju 2014: -

"*Biex wieħed jistabilixxi jekk l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita*'."

Iżda f'dan il-każ il-Qorti ma tirravviża l-ebda xenarju ieħor kwalsiasi, wisq inqas wieħed raġjonevoli, li jista' jnaqqas b'xi mod mill-univoċita' tal-evidenza ċirkostanzjali u x-xhieda diretta ta' Maria Pia Zammit li r-*res furtiva* pprovjeniet mill-imputata odjerna, u mill-konvinċiment tal-Qorti dwar il-ħtija tal-imputata għas-serq tal-ġojjellerija ta' Paola Bonnici minn ġor-reisdenza tagħha.

Jirriżulta wkoll mill-provi illi l-imputata kienet il-*carer de facto* ta' Paola Bonnici għaliex kienet ġiet ingaġġata minnha biex tagħmel xogħol ta' qadi u tindif kif ukoll biex toħroġha kull tant żmien u dan bi ħlas. Paola Bonnici kienet emfatika fix-xhieda tagħha li hija dejjem kienet tinsisti li tħallas lill-imputata għal kull darba li tmur għandha meta hija ingaġġatha privatament. Dan ifisser mhux biss li s-serq in diżamina huwa aggravat bil-persuna kif imfisser fl-Artikolu 268(a) tal-Kap. 9 iżda huwa aggravat ukoll bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 257D(1) tal-Kap. 9. Madanakollu, l-aggravanti tal-aħħar ma ġiex indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju u għalhekk billi l-piena taħt l-imsemmi Artikolu 257D(1)(a) hija ferm iktar gravuża mill-pieni applikabbli għar-reati ta' serq kwalifikat skont id-dispozizzjonijiet tas-Sub-Titolu I tat-Titolu IX[9] il-Qorti, fuq l-istregwa tal-ġurisprudenza paċifika in materja, ma tistax issib ħtija għar-reat aggravat taħt l-Artioklu 257D(1)(a) tal-Kap. 9.

Kwantu għall-kwalifiki l-oħra msemmija mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, il-Qorti tosserva li l-aggravju tal-valur huwa ppruvat għall-fini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 267 u 279(b) tal-Kap. 9. Il-Qorti tosserva illi l-valur totali tal-ġojjellerija stmata minn Joseph Azzopardi huwa ta' €963, li minnhom is-somma ta' €155 tirrappreżenta l-valur ta' oġġetti li ma jappartjenux lil Paola Bonnici. Dan ifisser li l-oġġetti li ġew misruqa mingħand Paola Bonnici u rkuprati u ritornati lilha għandhom valur komplessiv ta' €808, pju' l-ekwivalenti f'Euro tas-somma ta' Lm1,500[10] rappreżentanti l-valur ta' sett tad-deheb bil-ħaġar prezzjużi u djamanti li wkoll kien jinżamm fil-kaxxa mal-oġġetti oħrajn li ġew misruqa, iżda baqa' ma nstabx. Dan il-valur huwa evidenzjat mill-kopja taċ-ċertifikat maħruġ mill-manifatturier John Attard ta' J. Attard Jewellers, esebit minn Paola Bonnici waqt ix-xhieda tagħha[11]. Dan ifisser li l-valur tal-ħwejjeġ misruqa mingħand Paola Bonnici jeċċedi s-somma ta' €2,329.37.

---

[9] Taqsima II, l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.
[10] €3,494.06.
[11] Dok. X (fol. 342), preċedentement Dok. GS44.

Huwa wkoll evidenti li l-aggravju tal-lok taħt l-Artikolu 269(ġ) ġie debitament ippruvat. Iżda l-istess ma jistax jingħad dwar il-kwalifika tal-ħin: hu minnu li mix-xhieda jirriżulta li s-serqa saret fid-19 ta' Diċembru 2018 u li Paola Bonnici u l-imputata marru lura d-dar għall-ħabta tat-8.00 p.m. wara li ħarġu jieklu flimkien, iżda ma jirriżultax sodisfaċjentement f'liema ħin effettivament insterqet il-kaxxa bil-ġojjellerija. Il-fatt li Paola Bonnici qalet li kienet miftiehma mal-imputata li tmur għandha filgħaxija mhux biżżejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti li s-serqa bil-fors ġiet kommessa wara nżul ix-xemx meta ma jirriżultax meta, bħala ħin, l-imputata effettivament daħlet fid-dar tal-vittma dakinhar.

**<u>Serq ta' Ġojjellerija u Oġġetti oħra minn San Pawl Hotel fil-5 ta' Jannar 2019</u>**

L-ewwel akkuza addebitata lill-imputata hija dik tar-reat ta' serq aggravat (bil-mezz, hin, lok u valur li jeccedi s-somma ta' €2,3239.37) ta' gojjellerija u oggetti ohrajn minn gewwa San Pawl Hotel, San Pawl il-Bahar fil-5 ta' Jannar 2019.

Fir-rigward ta' din is-serqa, PS 1026 Brandon Gauci xehed[12] illi l-imputata Rasha Ahmed Gado u Maria Pia Zammit ammettew mill-ewwel meta ġew mitkellma mill-Pulizija, illi huma kienu ħadu xi affarijiet mill-kamra 202 fil-lukanda fejn jirriżulta li kienet okkupata mill-koppja Muller. Qal ukoll li l-imputata, flimkien ma' Maria Pia Zammit, tathom kaxxa mimlija ġojjellerjia li fiha kien hemm id-deheb ta' Paola Bonnici, tal-koppja Muller u tal-familja l-oħra Franciza li kienet residenti fl-istess lukanda. Instabu wkoll taħt is-saqqu fil-kamra tagħhom, il-*master keys* li jiftħu l-bibien kollha tal-lukanda[13].

Dr. Martin Bajada fl-espletazzjoni tal-inkarigu tiegħu bħala espert maħtur fl-Inkjesta Maġisterjali, irrelata li huwa eleva filmat minn *security camera* ġewwa l-lukanda San Pawl Hotel[14]. Dawn il-filmati fl-ebda stadju ma ġew kontestati mid-difiża illi mkien ma kkontestat li r-reġistrazzjonijiet eżebiti fl-atti proċesswali m'humiex dawk li ġew

---

[12] Xhieda tal-25 ta' April 2019.
[13] Sett ta' ċwievet esebit bħala Dok. BG1
[14] DVD Dok. MB2 formanti parti mir-rapport Dok. MB1.

elevati mil-lukanda San Pawl Hotel jew li dawn ġew sottopposti għal xi manipulazzjoni. Minn analizi ta' dan il-filmat[15] jirrizulta illi jidhru deħlin gewwa l-kamra bin-numru 202 fl-istess lukanda fil-5 ta' Jannar 2019 fejn kienu residenti l-koppja Muller, żewġ nisa flimkien ma' tifla li mbagħad jidhru ħerġin mill-istess kamra u jidħlu fil-kamra adjaċenti.

Mill-kumpless tal-provi il-Qorti hi sodisfatta li effettivament waħda mill-imsemmija persuni li daħlet fil-kamra bin-numru 202 li minnha ġie rapportat is-serq ta' diversi oġġetti - fosthom erba' brazuletti, ġiżirana, *makeup bag* u kosmetiċi u chargers minghand Valerie Marie-France Niedergang Muller u Isabelle Fisher Muller bil-valur approssimattiv ta' €285 - hija proprju l-imputata. Dan qed jingħad għar-raġunijiet segwenti.

PC 788 Keith Scerri xehed illi fil-5 ta' Jannar 2019 huwa kien irrikorra fil-lukanda San Pawl Hotel ġewwa l-Qawra fuq rapport ta' serq u hemmhekk il-manager urielu l-filmat tal-cameras tas-sigurta'. F'dawn il-filmati ra żewġ nisa u tifla ħerġin mill-kamra tagħhom u deħlin ġol-kamra ta' maġenbhom u ftit tal-ħin wara reġgħu ħarġu. Huwa qal li għalkemm ma kienx jaf min kienu dawn il-persuni, x'ħin mar fil-kamra tal-lukanda iktar tard dakinhar stess biex jinvestiga, huwa seta' jqabbel il-persuni li kien hemm f'dik il-kamra maż-żewġ nisa adulti u tifla żgħira li kienu dehru fil-filmat u seta' jagħraf li kienu l-istess persuni.

Carol Burgess, il-manager tal-lukanda San Pawl Hotel li kien għadda l-filmati in kwistjoni lill-Pulizija, xehed[16] li f'dawn il-filmati huwa ra lill-imputata u lill-persuna l-oħra deħlin f'żewġ kmamar tal-lukanda li minnhom jirriżulta li kienu nsterqu l-ħwejjeġ ta' klienti oħrajn tal-lukanda. Il-persuni li jidhru f'dawn l-istess filmati[17] ġew identifikati ulterjorment mill-Ispettur Godwin Scerri li fix-xhieda tiegħu kkonferma li għaraf lil dawn il-persuni bħala Maria Pia Zammit li kien jafha minħabba każijiet oħra li kellha mal-Pulizija, u bħala l-imputata Rasha Ahmed Gado.

---

[15] Dr. Martin Bajada – DVD Dok. MB2, fol. 141.
[16] Xhieda tal-21 ta' Ottubru 2019.
[17] Xhieda tal-21 ta' Jannar 2020.

In tema tal-ammissibbilita' u valur probatorju ta' immaġini fuq *video footage* elevat minn CCTV cameras fost mezzi oħrajn, il-Blackstone jgħid hekk:-

*"... a purely mechanical generation of an image, say, by CCTV is not hearsay. This follows the common law, whereby juries may be allowed to see still photographs taken by a security camera during an armed robbery ( Dodson [1984] 1 WLR 971), or a video recording of an incident ( Fowden [1982] Crim LR 588; Grimer [1982] Crim LR 674), and they may hear a tape recording of a relevant conversation (Maqsud Ali [1966] 1 QB 688). Furthermore, just as a video recording of the commission of an offence is admissible,* ***so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position as a witness with a 'direct view of the action'*** *(Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1479).*" [18] (emfasi tal-Qorti)

Fil-kawza *Taylor vs Chief Constable of Cheshire* (1986), Ralph Gibson LJ jispjega ulterjorment:-

"*Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"* [19].

Fuq l-iskorta ta' dan l-insenjament, il-Qorti tqis li l-identifikazzjoni tal-imputata li għamlu dawn ix-xhieda kollha minn fuq il-filmat tal-camera tas-sigurta' tal-lukanda, hija waħda mhux biss ammissibbli iżda wkoll konsistenti u univoka u tikkonvinċiha li

[18] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F15.16, pp. 2614.
[19] Ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri**.

l-persuna l-oħra li tidher fil-filmat flimkien ma' Maria Pia Zammit m'hi ħadd ħlief l-imputata odjerna.

B'żieda ma' dan, l-istess PC 788 Keith Scerri fix-xhieda tiegħu ikkonferma illi hekk kif huwa informa lill-imputata u lil Maria Pia Zammit li kien sejjer jagħmel tfittxija fil-prezenza tagħhom, minn jeddhom tawh minnufih xi *chargers* li kienu serqu u ammettew li kienu ħaduhom huma mill-kamra ta' maġenbhom. Xehed ukoll illi waqt li kien qed jagħmel tfittxija għall-oġġetti l-oħra li kienu ġew misruqa, **Rasha Gado, li huwa għaraf bħala l-imputata f'dawn il-proċeduri, minn jeddha tatu wkoll kaxxa mimlija ġojjellerija u infurmatu li kienet daħlet f'kamra oħra u minn hemmhekk kienet ħadet kaxxa ġojjellerija**. Mill-atti jirriżulta li din il-kaxxa bil-ġojjellerija kienet insterqet mill-kamra bin-numru 2065 li kienet okkupata mill-familja Callettee.

Imbagħad hemm ukoll ix-xhieda ta' Maria Pia Zammit, li kif diġa' ġie stabbilit, għalkemm inizzjalment kienet ġiet mixlija flimkien mal-imputata odjerna bħala ko-akkużata f'dawn il-proceduri, fiż-żmien meta xehdet quddiem il-Qorti kienet ġja' debitament proċessata għar-rwol taghha fiz-zewg serqiet in dizamina. Il-Qorti semgħet lil Maria Pia Zammit tixhed u tqis li x-xhieda tagħha hi konklussiva in kwantu tafferma illi hija, flimkien l-imputata Rasha Ahmed Gado, kienu tabilħaqq serqu l-oġġetti rapportati nieqsa mill-familja Callettee mill-kamra bin-numru 2065 bil-valur komplessiv ta' €1,750.

L-istess Maria Pia Zammit xehdet ukoll illi hija kienet ma' Rasha meta serqu diversi oġġetti tal-ġojjellerija u ħwejjeġ oħrajn fosthom ic-*chargers* minn ġo kamra fil-lukanda San Pawl Hotel u kienu flimkien daħlu fil-kamra bl-użu tal-*master keys* li jużaw ic-*chambermaids* li kienu ħaduhom minn fuq trolley li kien fil-kuritur. Ix-xhud qalet li kienet Rasha li ħarġet bl-idea li jieħdu ċ-ċwievet minn fuq it-trolley biex jidħlu fil-kmamar u jaraw x'isibu: hija qagħdet għassa biex tara li mhux ġejjin nies filwaqt li Rasha pprovat tiftaħ il-bibien b'dawn iċ-ċwievet. Mill-provi jirriżulta li dawn iċ-ċwievet instabu fil-kamra bin-numru 203 fejn kienet qed tiġi okkupata minn Maria Pia

Zammit u ġew mgħoddija lill-Pulizija u depożitati fl-atti tal-kawża[20]. L-istess Maria Pia Zammit xehdet ukoll li dawn l-oġġetti huma ħbewhom fil-kamra tagħha iżda kienu minn jeddhom taw l-oġġetti li serqu lill-Pulizija meta ġew ifittxu dakinhar stess fil-kamra. Ikkonfermat ukoll li dakinhar kien hemm magħhom it-tifla tagħha ta' għaxar snin.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tax-xhieda bil-ġurament tad-derubati, Delphine Callettee u missierha Jean Claude Callettee, li quddiem l-espert maħtur fl-Inkjesta Maġisterjali, elenkaw u deskrivew l-oġġetti li ġew misruqa mill-kamra tal-lukanda fejn kienu qed jirrisjedu f'San Pawl Hotel u kkonfermaw illi l-valur komplessiv ta' dawn l-oġġetti hu ta' ċirka €1,750[21]. Mill-provi jirriżulta li dawn l-oġġetti nstabu kollha fil-pussess *inter alia*, tal-imputata u ġew ritornati kollha lid-derubati. Id-derubati Valerie Niedergang Muller u Isabelle Muller ukoll xehdu bil-ġurament quddiem l-espert maħtur fl-Inkjesta u għarfu l-oġġetti li ġew neqsin mill-kamra bin-numru 202 u li nstabu fil-pussess tal-imputata u ta' Maria Pia Zammit. Dawn l-oġġetti kellhom valur komplessiv ta' €285[22].

Mill-ġabra tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-ewwel akkuża, hemm biżżejjed evidenza, diretta kif ukoll ċirkostanzjali, li torbot l-imputata ma' dawn is-serqiet u abbażi ta' dan il-Qorti tqis li tista' tasal b'sikurezza għall-konklużjoni li fil-5 ta' Jannar 2019 l-stess imputata kienet wettqet is-serqiet mill-kmamar bin-numru 202 u 2065 tal-lukanda San Pawl Hotel, b'kompliċita' ma' Maria Pia Zammit għad-dannu tal-familja Callettee u tal-koppja Muller.

Biex tfisser aħjar dan il-konvinċiment lil hinn minn kull dubju raġjonevoli dwar il-ħtija tal-imputat għas-serqiet mertu tal-ewwel akkuża, il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjament ta' sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali li in tema, qalet hekk:-

---

[20] Ċwievet Dok. BG1. Ara xhieda ta' PS1026 Brandon Gauci, 25 ta' April 2019, xhieda ta' PC7 88 Keith Scerri tas-16 ta' Settmbru 2019 u riċevuta Dok. KS1.
[21] Ara traskrizzjonijiet tax-xhieda Dok. MBX, fol. 351 *et seq*., formanti parti mir-rapport Dok. MB1.
[22] Żfol. 187, Dok. MB1 u xhieda tad-derubati Dok. MBX, fol. 355 *et seq*.

*"19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.*

*20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."*[23]

Ikkunsidrat;

Mill-provi, senjatament ir-rapport tal-espert Dr. Martin Bajada, jirriżulta illi l-valur komplessiv tal-oġġetti misruqa mertu tal-ewwel akkuża huwa ta' €2,035 u konsegwentement, il-kwalifika tal-valur hija ppruvata għall-fini tal-Artikolu 267 u l-paragrafu (a) tal-Artikolu 279 tal-Kap. 9 iżda mhux ukoll taħt il-paragrafu (b) tal-istess Artikolu 279.

[23] **Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq**, deċiża 24.6.2021.

Imbagħad, billi huwa ppruvat ukoll li l-aċċess mill-imputata għall-kmamar tal-lukanda fejn insterqu dawn l-oġġetti kollha inkiseb permezz taċ-ċwievet veri iżda miksubin b'serq - għad illi ma jirriżultax li kienet l-imputata personalment li serqet dawn iċ-ċwievet - il-Qorti tirravviża wkoll il-kwalifika tal-mezz kif imfisser fl-Artikolu 265 tal-Kap. 9.

Kwantu għall-kwalifika tal-lok, il-Qorti tqis illi filwaqt li hu minnu li s-serq ġie kommess f'post li fih kienu qegħdin jalloġġjaw, għad illi temporanjament, id-derubati, il-kmamar ġo lukanda ma jinkwadrawx fit-tifsira ta' **dar t'abitazzjoni jew parti li tagħmel magħha** skont kif preskritt fil-paragrafu. Il-liġi fl-imsemmi paragrafu hi ċara u inekwivoka meta tispeċifika li s-serq huwa kwalifikat bil-lok meta jsir f'dar ta' abitazzjoni u kieku l-leġislatur ried jinkludi f'dik id-definizzjoni wkoll post ta' alloġġjar temporanju - bħalma hija lukanda jew post ieħor li mhux dar t'abitazzjoni iżda fejn il-persuni li jalloġġjaw hemmhekk ikunu ġarrew għal magħhom l-effetti u ħwejjeġ personali tagħhom li jintużaw fuq bażi kwotidjana għall-fini ta' dak l-alloġġ - kien jgħidha espressament. F'kull każ li jkun, din il-Qorti mhijiex sejra twessa' t-tifsira ta' dispozizzjoni tal-liġi b'mod li jkun ta' preġudizzju għall-persuna akkużata: *in dubio pro reo.*

Jiżdied jingħad ukoll illi għalkemm l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika l-aggravju taħt l-Artikou 268(ċ) tal-Kap. 9, il-Qorti ma tqisx illi tista' tapplika dan l-aggravju għaliex l-imputata ma ġietx mixija fl-ewwel akkuża fiċ-Ċitazzjoni b'serq aggravat ukoll bil-persuna u kif ukoll għaliex ma jirriżultax mill-provi illi l-imputata, għad illi wettqet dawn is-serqiet ġewwa lukanda, kienet ħadet alloġġ jew post fil-lukanda in kwistjoni, jew li kienet fdat ħwejjiġha hemmhekk. Għall-kuntrarju, tqis li dan huwa eskluż minn Carol Burgess, il-manager tal-lukanda San Pawl Hotel, fix-xhieda tiegħu.

Kwantu għall-kwalifika tal-ħin, dan hu mfisser fl-Artikolu 270 tal-Kap. 9 bħala serq li jsir bil-lejl, jiġifieri, bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx. Mir-rapport tal-espert Dr. Martin Bajada, jirriżulta illi l-filmati tas-*security cameras* fil-lukanda San Pawl Hotel li juru

lill-imputata flimkien ma' persuni oħrajn jidħlu fil-kamra bin-numru 202 li minnhom insterqu l-oġġetti eleknati fix-xhieda tad-derubati Muller, bejn il-ħin ta' 19:19:31 u 19:29:27, **ħin reali**. Hu ovvju għall-Qorti bħala presunzjoni ta' fatt li fix-xahar ta' Jannar fis-7.30 p.m ikun diġa dalam għaliex ix-xemx jinżel ferm qabel f'dak iż-żmien tas-sena u għalhekk, l-aggravju tal-ħin huwa wkoll ippruvat. Kwantu mbaghad għas-serqa mill-kamra bin-numru 2065, Delphine Callettee u Jean Claude Callette entrambi xehdu li l-aħħar li raw l-oġġetti li eventwalment insterqu kien fl-istess kamra fil-5 ta' Jannar 2019 qabel niżlu jieklu fis-7.00 p.m.[24]

Għaldaqstant l-imputata sejra tinstab ħatja tal-ewwel akkuża ta' serq aggravat bil-mezz, ħin u valur taħt l-Artikolu 279(a) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tat-tieni akkuza ġie addebitat lill-imputata r-reat tar-ricettazzjoni a tenur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat twettaq bejn id-19 ta' Dicembru 2018 u l-5 ta' Jannar 2019.

Il-Qorti tqis illi peress li l-imputata ġiet akkużata wkoll bir-reat ta' serq fl-ewwel imputazzjoni, huwa evidenti li t-tieni akkuza tar-reat ta' ricettazzjoni ghandha titqies li nghatat bhala kap alternattiv ghall-akkuża dwar is-serq kommess fil-5 ta' Jannar 2019, u mhux b'mod kumulattiv. Huwa manifest illi meta l-akkuza ta' serq u l-akkuza ta' ricettazzjoni jittrattaw dwar l-istess *res furtiva* u ma hemm ebda indikazzjoni li l-akkuza tar-ricettazzjoni tista' tirreferi ghal xi att ta' ricettazzjoni ta' xi *res furtiva* derivanti minn xi episodju iehor ta' serq, reat wiehed ghandu jitqies li jeskludi lill-iehor.

[24] Dok. MBX, fol. 349 *et seq*.

Għalhekk, anke fuq l-istregwa tal-gurisprudenza kostanti in materja[25], il-Qorti qiegħda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza tar-ricettazzjoni stante illi l-imputata qiegħda tinstab ħatja tal-ewwel akkuza dwar ir-reat ta' serq aggravat kommess fil-5 ta' Jannar 2019 ġewwa San Pawl Hotel.

## Ir-Raba' Imputazzjoni

L-imputata ġiet mixlija wkoll, fir-raba' imputazzjoni fiċ-Ċitazzjoni, illi kisret il-kundizzjonijiet ta' żewġ ordnijiet għal liberazzjoni kondizzjonata meta kkommettiet dawn ir-reati waqt il-perijodu operattiv ta' ordni għal liberazzjoni kondizzjonata mogħtija permezz ta' sentenza datata 13 ta' Frar[26] minn din il-Qorti diversament preseduta u waqt il-perijodu operattiv ta' ordni oħra għal liberazzjoni kondizzjonata mogħtija permezz ta' sentenza oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-4 ta' Ottubru 2018.

Madanakollu, il-Qorti tosserva minnufih illi filwaqt li l-Avukat Ġenerali imkien ma indika fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, liema dispozizzjoni tipprospetta l-konsegwenzi ta' ksur ta' ordni bħal dawk imsemmija fir-raba' imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni wkoll naqset milli tesebixxi fl-atti kopja awtentikata ta' dawn l-imsemmija sentenzi ossia ordnijiet. Dan ifisser li l-Qorti m'għandhiex quddiemha l-aħjar prova li l-imputata kienet effettivament tqiegħdet taħt ordni magħmula taħt id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 u lanqas m'għandha prova tal-kundizzjonijiet imposti f'dawn l-ordnijiet. Il-Prosekuzzjoni ressqet biss il-fedina penali tal-imputata iżda hu risaput illi din ma tikkostitwixxix l-aħjar prova tal-kundanni ossia ordnijiet li f'dan il-każ l-imputata ġiet akkużata bil-ksur tagħhom. Fil-fehma tal-Qorti, sabiex hija tista' tittratta effettivament mal-imputata għall-ksur ta' xi ordni bħal dawk imsemmija fir-raba' imputazzjoni, kif prospettat mill-Artikolu 23 tal-Kap. 446 - liema ksur jista' jwassal biex l-imputata tingħata piena

---

[25] **Il-Pulizija vs Keith Pace**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju 2005; **Il-Pulizija vs Joseph Agius** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Lulju 2009; **Il-Pulizija vs Eusebio Busuttil et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Gunju 2005.

[26] Is-sena mhux indikata.

li hija restrittiva tal-liberta' personali tagħha - jeħtieġ li jkollha quddiemha l-aħjar prova u xejn inqas minn hekk kif ukoll indikazzjoni mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Artikolu relevanti tal-liġi li tipprospetta xi ħtija. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, ma tistax issib ħtija għall-addebiti msemmija fir-raba' imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena, oltre ghal dak sottomess mill-Prosekuzzjoni u d-difiza waqt it-trattazzjoni, il-Qorti tqis li ghandha tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom in-natura tar-reati li qed tinsab hatja taghhom u l-fedina penali tal-imputata li, ghalkemm m'hijiex wahda refrettarja, hija pjuttost oneruza ghal tfajla ta' dsatax-il sena. Effettivament, jirrizulta illi l-imputata diga` nstabet hatja ftit taż-żmien biss qabel il-kommissjoni ta' dawn ir-reati li qed tinstab ħatja tagħhom illum, ta' zewg reati oħrajn – wieħed minnhom serq - f'perijodu ta' inqas minn sena. Huwa evidenti li l-imputata ma għarfitx tużufruwixxi mill-opportunitajiet li nghatawlha mill-qrati sabiex tirriforma ruhha, u minflok qabdet it-triq it-tajba, ghazlet li tkompli tikser difrejha mal-ligi.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll l-eta' żgħira li kellha l-imputata meta wettqet dawn ir-reati u l-fatt li skont kif jirriżulta mid-diversi rapporti tal-Uffiċjal tal-Probation li ġiet maħtura biex issegwiha taħt Ordni Provviżorju ta' Superviżjoni, l-istess imputata għandha jew aħjar kellha fiż-żmien tat-twettiq tar-reati ta' serq li qed tinstab ħatja tagħhom, dipendenza fuq id-droga kannabis. Huwa minnu li kienu saru sforzi mill-imputata biex titbiegħed mill-użu ta' din id-droga u sabet impjieg fuq bażi *full-time* li kien jinvolvi sigħat ta' xogħol intensivi. Huwa minnu wkoll illi l-imputata baqgħet taħdem fuq bażi regolari u jidher li kienet qiegħda tgħix ħajja ferm iktar stabbli minn dik li evidentement kienet qiegħda tgħix fiż-żmien meta wettqet iż-żewġ serqiet li qed tinstab ħatja tagħhom.

Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tieħux qies ukoll tal-fatt illi l-imputata regolarment naqset milli żżomm kuntatt idoneu mal-Uffiċjal tal-Probation u milli tattendi għall-appuntamenti li kienu jiġu skedati għall-fini tas-superviżjoni tagħha inkluż sabiex jittieħdu l-kampjuni meħtieġa b'rabta mal-użu tad-droga u sustanzi illeċiti, kif ukoll sabiex jingħatalha direzzjoni biex tindirizza r-rabja li ġiet identifikata bħala problema li kienet teħtieġ l-intervent ta' psikologu. Kemm hu hekk, wara li rat l-atteġġjament sistematiku tal-imputata li reżistiet l-implimentazzjoni u twettiq effettiv tas-superviżjoni tagħha u ma ħallietx ukoll li jingħata lill-Qorti aġġornament finali dwar iċ-ċirkostanzi soċjali u oħrajn tagħha, kif del resto mitlub mid-difensur tagħha stess, il-Qorti kienet revokat l-Ordni ta' Superviżjoni Provviżorju għaliex qieset li b'dak l-atteġġjament, l-imputata ma kienetx interessata fir-riforma tagħha.

Inoltre, il-Qorti ma tistax twarrab il-gravita' tad-delitti kommessi mill-imputata u l-fatt li hija abbużat bl-ardir kollu mill-fiduċja li kellha fiha persuna anzjana u vulnerabbli li kienet tgħix waħehda u kienet evidentement tiddependi mill-istess imputata biex iżżommilha kumpannija kif ukoll tnaddaf ġo darha. Aġir bħal dan huwa kundannabbli bl-iktar mod iebes għaliex ma jagħmel xejn ħlief jittrawmatizza lill-iktar membri vulnerabbli tas-soċjeta' tagħna u jimminalhom is-sens ta' sigurta' ġewwa djarhom stess – effett li f'dan il-każ il-Qorti rriskontrat f'Paola Bonnici meta ratha u semgħetha tixhed quddiemha permezz ta' link bil-vidjo-konferenza.

Dan kollu premess, iżda, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputata xorta waħda tibqa' kandidata idonea għal sanzjoni fil-komunita', senjatament minħabba l-eta' żgħira tagħha, il-fatt jidher li għandha l-appoġġ kontinwu tal-familja u jidher ukoll li hija bniedma kapaċi, bieżla u tinqala' għax-xogħol. Iżda fuq kollox il-fatt illi evidentement għandha bżonn tingħata għajnuna biex tindirizza l-problemi li ġew identifikati mill-Uffiċjal tal-Probation kif ukoll biex tibqa' 'l bogħod mill-kriminalita' u mill-użu tad-droga li jidher li huwa tabilħaqq il-katalist tal-aġir kriminuż tagħha. L-imputata għandha tkun taf illi l-piena fil-*minimum* fuq dikjarazzjoni ta' ħtija għat-tieni akkuża biss, mingħajr qies tal-piena għall-ewwel akkuża, hija ta' xejn inqas minn sentejn priġunerija. Iżda minkejja dan il-Qorti m'hijiex serja ċċaħħad lill-imputata

**mill-opportunita' tal-aħħar** biex tagħraf il-bżonn ta' riforma u l-ħtieġa li jkollha sorveljanza konsistenti minn persuni kwalifikati biex ir-rjiabilitazzjoni tagħha tkun waħda effettiva u l-ħtieġa li tingħata l-għajnuna professjonali li jista' jagħti lok li teħtieġ biex tissorvola problemi soċjali u emottivi li jista' jkollha.

Peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħatja minn Uffiċjal tal-Probation tkun mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tagħha u anke li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li tista' tagħmel u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, sejra tqiegħda taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu li tippermetti l-liġi.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputata ħatja tar-raba' imputazzjoni u tilliberah minnha u wara li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva stante li din ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni u tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 261(b)(c)(d)(e)(f), 263, 265, 267, 268(ċ), 269(ġ), 270, 278(1)(3), 279(a)(b) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil RASHA AHMED GADO ħatja tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoġġi lill-ħatja taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tlett (3) snin mil-lum u dan taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation mogħtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna lill-ħatja tħallas lil Paola Bonnici s-somma ta' tliet elef u ħames mitt Euro (€3,500) b'kumpens għat-telfien tal-oġġetti tal-ġojjellerija li baqgħu ma ġewx irkuprati u jew li sfaw imkissrin, liema somma għandha titħallas fi żmien sentejn.**

**Għall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tikkundanna lill-ħatja tħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' sitt mija u**

**tmienja u ħamsin Euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€658.75), rappreżentanti kwantu għas-somma ta' erba' mija u disgħa u ħamsin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€459.85) nofs l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-espert fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta u kwantu għas-somma ta' mija u tmienja u disgħin Euro u disgħin ċentezmu (€198.90) l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri[27].**

**Il-Qorti fissret lill-ħatja, bi kliem li hija tifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħu magħha jew tagħmel xi reat ieħor, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali, u semgħet ukoll lill-ħatja tesprimi r-rieda tagħha li tikkonforma ruħha mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta' *Probation*.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza kif ukoll l-Ordni ta' Probation mahrug fil-konfront tal-hati, jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[27] Dr. Martin Bajada – Rapport Dok. MB1, total drittijiet €1043.59: is-somma ta' €105 pju' Vat minn dan il-kont huwa dovut esklussivament mill-imputata odjerna u l-kumplament kwantu għal nofs. Dritt fis-somma ta' €75 tħallas lill-espert Joseph Azzopardi – Dok. JA1, fol. 275 *et seq*.